MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1160/1990/1

**Avukat Leslie Grech bhala mandatarju ta' l-assenti Leslie Wakeford, Ivy mart l-istess Leslie Wakeford, u Anthony Comely u b'digriet ta' l-24 ta' Dicembru 1992 l-atti gew trasfuzi f'isem l-avukat Leslie Grech bhala mandatarju ta' l-assenti Anthony Comely**

**vs**

**Ivan Burridge ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' San Tumas Shareholdings Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi b'kuntratt tas-sittax (16) ta' Lulju elf disa' mija wiehed u sebghin (1971) fl-atti tan-Nutar Dottor Rosario Frendo Randon (Dok. A) l-esponent nomine xtara appartament

numru hdax (11) sitwat go block maghruf bhala "Block Number One" go Aragon Court, Saint Julians Road, San Tumas, limiti ta' Marsascala, minghand Marsascala Developments Limited, liema socjeta' sussegwentement giet amalgamata mas-socjeta' intimata;

Illi skond il-klawsola hdax (11) ta' l-imsemmi kuntratt Dok. A huwa stipulat illi "vendor undertakes that it will not permit nor consent to constructions or alterations in the plots or buildings directly in front of Aragon Court or in front of the property subject to this agreement which are likely to obstruct to the seaview from the said flat.....";

Illi propju quddiem l-istess Aragon Court sar xoghol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Grigal, numru sebgha u ghoxrin (27) bi ksur tal-klawsola 11, fuq imsemmi;

Illi dan il-bini qed inaqqas konsiderevolment il-veduta tal-bahar u ghalhekk l-atturi qed isofru danni konsiderevoli, ghal liema danni l-konvenut nomine ghandu jaghmel tajjeb;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut nomine jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti m'ghandhiex:-

(1) tiddikjara li x-xoghol ta' kostruzzjoni go Grigal Street, numru 27, Marsaskala sar bi ksur tal-kuntratt imsemmi;

(2) tiddikjara l-konvenut nomine responsabbli ghal dawn id-danni lejn l-attur nomine;

(3) tillikwida d-danni dovuti lill-attur nomine, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

(4) tikkundanna l-konvenut nomine ihallas id-danni kif likwidati lill-attur nomine;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficcjali tas-16/11/89 kontra l-konvenut nomine li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur Avukat Leslie Grech nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti jirrikjedi l-prova li l-Avukat Leslie Grech ghandu l-inkarigu mit-tliet atturi minnu rapprezentati biex jaghmel din il-kawza;

2. Fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-esponenti ma ghamel l-ebda xoghol ta' kostruzzjoni fuq plot numru 27 Triq il-Grigal, Marsascala, jew ippermetta jew ta l-kunsens tieghu lil haddiehor biex isir il-bini fuq ic-citat plot kif qeghdin jallegaw l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-guramnent u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-5 ta’ Gunju 1996 li biha gew respinti bhala infondati l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine u filwaqt li

gew adottati r-risultanzi tar-relazzjoni peritali gew akkolti l-ewwel u t-tieni talkba attrici u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza dwar it-talbiet l-ohra;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Ottubru 1996 (diversament presjeduta) li bih gie nominat l-AIC Frederick Doublet bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar it-tielet domanda attrici;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 1998;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar il-kwestjonijiet li fadal x’jigu decizi f’dawn il-proceduri;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2001;

Ikkonsidrat :

In vista tal-imsemmija sentenza tal-5 ta’ Gunju 1996, fadal biss li jigu likwidati d-danni u li jigu decizi t-tielet talba u r-raba talba;

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni l-Qorti esaminat sew u bir-reqqa r-rapport tal-abbli perit tekniku l-AIC Frederick Doublet liema rapport gie konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 1998. Il-Qorti taqbel mal-konstatazzjonijiet kollha li ghamel l-abbli perit tekniku kif ukoll mal-konkluzjonijiet kollha li wasal ghalihom fl-istess rapport u dawn kollha qed jigu adottati u l-Qorti tghamilhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-Qorti li tbiddel jew b’xi mod tvarja dawn il-konkluzjonijiet;

Difatti jirrizulta li hi parti zghira biss tal-veduta mill-fond tal-attur nomine li hi affetwata, pero’ din in effett taffettwa n-nofs tal-vista li tezisti mill-appartament tal-attur nomine. Il-perit tekniku, tenut kont tac-cirkostanzi kollha imsemmija fir-rapport tieghu, llikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta’ hames mitt liri maltin (Lm500). Il-Qorti taqbel ukoll ma din il-konkluzjoni u mad-danni kif likwidati mill-perit tekniku. Ma jirrizulta xejn li jista jwassal li din il-konkluzjoni tigi mibdula jew b’xi mod varjata;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi dwar it-tielet u r-raba talba tal-attur nomine billi tillikwida d-danni dovuti lill-attur nomine fis-somma ta’ hames mitt liri maltin (Lm500) u konsegwentement tikkundanna l-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine l-istess somma ta’ Lm500 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza tad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut nomine.